MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Numru. 601/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Anne Marie Micallef**

**vs**

**omissis**
**Carmen Saliba**

Il-Qorti;

Rat li omissis u l-imputata Carmen Saliba ta' 42 sena bint George u Maria nee' Ellul, mwielda Pieta' fis-7 ta' Ottubru 1964 u residenti gewwa Flat 14, Blokk A, Triq Bertha K.Ilg San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 515164 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli :

Fit-3 ta' Gunju 2007, ghall-habta ta' 16.45, gewwa Triq ix-Xatt, Sliema, ikkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-

persuna ta’ Theresa Sciberras u dan ai termini ta’ l-Artikolu 216 (1b) tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat, glied u storbju iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

U omissis wahdu talli sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, u cioe’ Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D, datata 14 ta’ Jannar 2007.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-prociediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Lulju, 2007 (esebit a fol. 19 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-24 ta’ Lulju, 2008 iddikjarat li ma’ kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li permezz ta’ digriet tal-21 ta’ Jannar giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju fejn gie ordnat li l-proceduri fil-konfronti tal-imputata jitkomplew separatament minn dawk fil-konfronti tal-imputat omissis stante li dan kien telaq minn dawn il-gzejjer b’mod permanenti.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident konsistenti fi glieda li allegatament sehhet fit-3 ta’ Gunju 2007 ghall-habta ta’ 16.45hrs quddiem Amies Bar fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema fejn kienu nvoluti Victor Testa, l-imputata Carmen Saliba u l-allegata vittma Theresa Sciberras u fejn dawn l-ahhar

tnejn sofrew griehi ta' natura hafifa u ta' natura gravi rispettivament.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-unika verzjoni tal-fatti moghtija quddiem din il-Qorti hija dik tal-imputata Carmen Saliba li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2012 u dan peress li l-allegata vittma Theresa Sciberras mietet fil-mori ta' dawn il-proceduri u Victor Testa li originarjament kien ko-akkuzat flimkien mal-imputata odjerna, telaq minn dawn il-gzejjer b'mod permanenti. L-imputata spjegat li hija ghamlet zmien f'relazzjoni ma' Victor Testa fejn kellhom tlett itfal izda r-relazzjoni giet terminata kemm minhabba vjolenza fil-konfronti taghha kif ukoll minhabba abbuz fil-konfronti ta' tnejn minn uliedha da parti tal-imsemmi Testa. Hja qalet li Testa seta' jara lil uliedu biss fil-prezenza taghha u spjegat li fid-data tal-incident in dizamina huwa kien cemplilha u qalilha li jekk ma kinitx ser tehodlu lit-tfal fil-bar fejn kien il-Gzira sabiex jarahom huwa ma kienx ser ihallasha l-manteniment ghal uliedha. Carmen Saliba qalet ukoll li meta hija waslet fil-bar fejn kien Testa huwa xtara soft drink lit-tfal u waqt li dawn kienu bil-qeghda ma' mejda qed jixorbuh harget mara, li wara saret taf li kien jisimha Theresa Sciberras, din kienet tidher li kienet fis-sakra u kellha idejha mcappsin bid-demm u marret tmiss xaghar uliedha. L-imputata tghid li hija qalet lil din il-mara sabiex ma tmissx lit-tfal ghaliex kellha idejha mcappsin bid-demm u f'dak l-istadju Testa beda' jwaqqaf lil Sciberras u mbaghad xejrilha daqqa ta' ponn u huma bdew jiggieldu u jitghajru bejniethom. L-imputata qalet li hija ntervjeniet u siktithom u Sciberras daret fuqha u tatha daqqa ta' banketta f'zaqqha. Hija qalet ukoll li din il-mara bdiet tinza hwejjigha u Testa beda' jaghtiha kemm jiflah. L-imputata spjegat li wara hija saret taf ukoll li din il-mara kienet f'relazzjoni ma' Testa u bhala li kienet tigi msawta minnu. L-imputata sostniet li meta baghtet ghaliha l-Ispettur Romina Veneziani kien prezenti Victor Testa li kien habib tal-Ispettur u dawn qalulha li peress li Testa kellu fedina penali b'diversi kundanni u l-fedina penali taghha kienet nadifa fl-istqarrija taghha kellu jitnizzel li kienet hija li ggieldet ma' Sciberras. L-imputata qalet li hija

ffirmat l-istqarrija minghajr ma giet moqrija lilha u qalet li hija ma tafx taqra.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti mhux ser tikkunsidra dak li l-imputata qalet fl-istqarrija minnha rilaxxjata bhala prova ammissibbli stante li din ma nghatatx il-fakulta' li tikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxjat l-imsemmija stqarrija. Dan jinghad aktar u aktar fid-dawl ta' dak li xehdet l-imputata dwar ic-cirkostanzi li fihom giet rilaxxjata din l-istqarrija.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' tinghad li rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi mentri minn-naha l-ohra l-imputata rnexxilha tipprova sal-grad tal-probabbli, kif hija tenuta li taghmel, li l-griehi ta' natura gravi kagunati lil Theresa Sciberras gew hekk kagunati minn Victor Testa u li hija bhal Sciberras kienet ukoll vittma ghaliex sofriet griehi mid-daqqa li tatha din tal-ahhar. Il-Qorti jidrilha li m'ghandha l-ebda triq ohra salv illi tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------